**Bord li Jirregola l-Kera**

**Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Marks & Charles Limited (C 2010)**

**vs**

**Mark Micallef (ID 268080M)**

**Rik Gur Nru: 54/18**

**Illum 6 ta' Novembru 2018**

**Il-Bord,**

Ra r-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti li jaqra hekk:

1. Illi r-rikorrent nomine jikri l-fond, ossija garage bin-numru 8, bi dhul minn Triq il-Misk, Fgura versu l-kera ta' €165 kull tliet xhur bil-quddiem, liema kirja bdiet wara l-1 ta' Gunju tas-sena 1995.

2. Illi l-partijiet qatt ma ffirmaw skrittura ta' lokazzjoni, u din il-kirja inghatat unikament bil-fomm.

3. Illi l-intmat huwa moruz fil-hlas tal-kera bit-tlett xhur bil-quddiem mis-17 ta' Dicembru 2016, u ghalhekk huwa moruz fl-ammont kumplessiv ta' €973.50 u dan oltre' l-imghax legali kif jirrizulta mill-istatement of account hawn anness u mmarkat Dok JB2.

4. Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut.

5. Illi permezz ta' ittra ufficjali numru 4288/17 tat-13 ta' Novembru 2017 li kopja taghha qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok JB3, l-

esponenti kien ta il-congedo lill-intimat u interpellah sabiex, oltre' li jaffetwa l-hlas dovut, huwa jizgombra mill-fond u jirritorna l-pussess tieghu lill-esponenti, imma minkejja dan huwa xorta wahda baqa' inadempjenti.

6. Illi ghalhekk l-esponenti ghandu d-dritt li jerga' jirriprendi l-fond inkwistjoni u dan stante illi l-intimat huwa moruz fil-hlas tal-kera, kif ukoll huwa inghata il-congedo.

7. Illi fic-cirkostanzi tal-kaz jikkonkorru l-elementi stipulati mill-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan ir-rikors jigi deciz bid-dispensa tas-smigh billi l-konvenut m'ghandu ebda eccezzjoni valida fil-ligi xi jressaq kontra t-talba tar-rikorrenti.

8. Illi r-rikorrenti jaf personalment il-fatti ghal dak li jirrigwarda dak kollu premess.

9. Illi r-rikorrenti jiddikjara illi safejn jaf hu, l-intimat m'ghandux difiza x'jaghti kontra t-talba tal-istess rikorrent.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportune u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensati mis-smigh tal-kawza odjerna bil-proceduri sommarji specjali kif stabbiliti mil-Ligi a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta, titlob lil dan il-Bord biex jordna lill-intimat biex jidher quddiem da nil-Bord fil-gurnata u hin stabilit mill-istess Bord u f'kaz li l-intimat ikun kontumaci f'dik is-seduta, jew inkella jekk huwa jonqos milli juri f'dik is-seduta li jkollu difiza li tiswa' u li tista' taghmel sabiex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti, l-imsemmi Bord li Jirregola l-Kera ghandu:

1. Jghaddi ghas-sentenza dwar il-vertenza odjerna sommarjament u dan ai fini tal-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Jordna l-izgumbrament mill-fond ossija garage numru 8, bi dhul minn Triq il-Misk, Fgura fi zmien qasir u perentorju iffissat minn dan il-Bord.

3. Jiddikjara li l-intimat huwa moruz fil-hlas tal-kera dovuta mis-17 ta' Dicembru 2016 kumplessivament ammontanti ghall-€973.50.

4. Jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' €973.50.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Novembru 2017 u bl-ingunzjoni tal-intimat ghas-subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni guramentata.

Ra li l-intimat ghalkemm debitament notifikat ma deherx fis-seduta tallum.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidra**

Mill-atti rrizulta li s-socjeta' rikorrenti kriet il-garaxx mertu tal-vertenza odjerna lill-intimat versu l-kera ta' €165 kull tlett xhur bil-quddiem. L-intimat huwa moruz fil-hlas tal-kera mis-17 ta' Dicembru 2016.

Jirrizulta li l-intimat inghata l-congedo permezz tal-ittra ufficjali datata 13 ta' Novembru 2017 li giet debitament notifikata lilu izda l-intimat zamm il-pussess tal-garaxx nonostante dan.

L-istess intimat illum ma deherx meta ssejhet il-kawza.

Ghalhekk il-Bord iqis li t-talbiet tar-rikorrent huma misthoqqa.

Ghal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta' rikorrenti u ghalhekk ai fini tat-tieni talba jipprefiggi terminu perentorju ta' tletin (30) jum.

Bl-ispejjez kif mitluba a karigu tal-intimat.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**

**Cora Azzopardi**

**Deputat Registratur**